MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2008

Rikors Numru. 1110/2007

**Fl-atti tal-mandat ta’ sekwestru Numru 1424/07RCP fl-ismijiet:-**

**SISA Malta Limited [C33305].**

**vs**

**Pirella Supermarkets Limited.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors tas-socjeta' Pirella Supermarkets Limited [C33305] datata 26 ta’ Ottubru 2007 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi s-socjeta' SISA Malta Limited [C-33305], ottjeniet il-hrug tal-mandat fuq indikat u dan sabiex tikkawtela, l-pretensjoni taghha kontra s-socjeta' rikorrenti ammontanti

ghal tlieta u tmenin elf tmien mija u disa’ liri u tlieta u hamsin centezmu (Lm 83,809.53) [€195,223.69];

Illi dan il-kreditu qed jigi vantat minn SISA Malta Limited [C33305] bhala bilanc ta' prezz ta' merca allegatament mibjugha u konsenjata lil Pirella Supermarkets Limited [C13427];

Illi huwa mportanti li jigi rilevat illi l-istess SISA Malta Limited [C3305] giet ikkundannata thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' sebgha u erbghin elf u mitejn lira Maltin (Lm 47,200) [€109946.42] skond decizjoni mahruga mic-Centru ta' l-Arbitragg *per* Dr. Peter Carauna Galizia datata 25 Settembru 2007 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "PS 1”);

Illi fl-istess proceduri s-socjeta` SISA Malta Ltd eccepiet, *inter alia*, li ma hallsitx il-kera ammontanti ghall-seba' u erbghin elf u mitejn lira Maltin (Lm47,200) [€109946.42] ‘il ghaliex kellha d-dritt tpacihom mal-ammont ta' tlieta u tmenin elf tmien mija u disa’ lira u tlieta u hamsin centezmu (Lm83,809.53) [€195,223.69] liema eccezzjoni ma gietx milqugha mill-Arbitru li ddecieda illi: "*The arbitrator holds that it is not possible in terms of the lease agreement for the respondent to sort-off the rent due Lm40,000 and Lm7,200 of VAT for the instalment due on the 14th November 2006 against sums due by the claimant to the respondent*";

Illi s-socjeta' Pirella Supermarkets Limited kienet ikkawtelat l-ammont ta' kera dovut lilha permezz ta' hrug ta' mandat ta' sekwestru, u illi *nonostante* diversi tentattivi vessatorji da parti tas-socjeta` intimata sabiex twaqqa’ s-surreferit mandat din il-Qorti kif diversament presjeduta akkordat li l-mandat kellu jibqa' fis-sehh (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "PS2"),

Illi pero' meta giet biex tezegwixxi l-jeddijiet u l-pretensjonijiet taghha konfermati *tramite* l-*arbitral award* u l-hrug tal-mandat sabet ruhha fl-impossibbilta' li taghmel dan ‘il ghaliex b’*male fede*, is-socjeta' intimata ghazlet illi tinnotifika bil-mandat odjern, u cioe' l-mandat ta’

sekwestru 1424/07 RCP, lir-Registratur tal-Qrati u dan bi skop illi tistultifika l-amministrazzjoni tal-gustizzja;

Illi l-effett ta' dan kien illi s-socjeta intimata sekwestrat flejjes li s-socjeta` rikorrenti kawtelat favuriha liema flejjes kellhom jigu rilaxxati biex jithallas I-ammont ta' sebgha u erbghin elf u mitejn lira Maltin (Lm47,200) [€109,946.42]; kif ordnat mill-Arbitru;

Illi in konsegwenza ta' dan I-agir leziv da parti tas-socjeta' intimata, is-socjeta' rikorrenti tinsab pregudikata b'dan illi ma tistax tesegwixxi d-decizjoni arbitrali u dan minkejja I-fatt illi kienet kawtament harget mandat sabiex tissalvagwardja I-pretensjonijiet taghha kontra s-socjeta' intimata;

Illi *in vista* tas-suespost, m'hemmx gustifikazzjoni ghaliex il-mandat ghandu jinzamm fis-sehh u I-mandat la huwa necessarju u lanqas ragjonevoli u dan *ai termini* ta' I-**artikolu 836 tal-Kap 12, tal-Ligjiet ta' Malta**;

Ghaldaqstant is-socjeta' rikorrenti umilment titlob lil din I-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka I-istess mandat fl-intier ghar-ragunjiet premessi. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost illi jekk din il-Qorti tiddeciedi illi l-mandat ghandu jinzamm *in vigore*, tirrevoka I-mandat in parti fis-sens illi tordna illi ma japplikax in kwantu gharRegistratur tal-Qrati u li I-mandat *se mai* jopera biss fuq is-sekwestratarji I-ohra, u dan taht kull provediment iehor li din I-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.

Rat d-dokumenti annessi mar-rikors u mmarkati bhala Dok “PSA”, “PS 1” u “PS 2”

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-5 ta’ Dicembru 2007.

Rat ir-risposta tas-socjeta` SISA Malta Limited datata 12 ta’ Novembru 2007 a fol. 31 tal-process fejn gie eccepit:-

Illi r-rikors tas-socjeta` rikorrenti Pirella Supermarkets Limited ghandu jigi michud u dan ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi, fil-qosor, il-qofol tal-vertenza tikkonsisti fil-fatt illi l-partijiet huma kredituri ta' xulxin izda filwaqt illi l-esponenti ghandha tiehu Lm83,809.53 [€195,223.69] minghand ghandu jaghti biss Lm47,200 [€109,946.42] lill-intimat.

2. Illi l-partijiet kienu nvoluti f'bosta proceduri gudizzjarji kontra xulxin. Fost dawn il-proceduri gudizzjarji kien hemm is-segwenti:

a. Arbitragg fejn l-esponenti giet ikkundannata thallas is-somma ta' Lm47,200 [€109,946.42] u gie dikjarat illi l-esponenti ma wettaqx *material breach* tal-kuntratt tal-kera. Ta' min jghid illi minkejja illi Pirella Supermarkets Limited qed tipprova tezegwixxi d-decizjoni arbitrali hija ntavolat appell kontra l-imsemmija decizjoni u ghalhekk id-decizjoni arbitrali hija skond Pirella *ex admissis* mhux *res judicata*.

b. Hrug ta' mandat ta' sekwestru kontra l-esponenti (ezebit mill-kontro-parti).

c. Illi s-socjeta` esponenti otteniet il-hrug tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni, kif ukoll debitament intavolat rikors guramentat sabiex is-socjeta` rikorrenti tigi kkundannata thallasha l-ammont ta' Lm83,809.53 [€195,223.69] (Citaz. Nru.: 1064/2007 RCP — appuntat 9 ta' Jannar 2008).

d. Appell mid-decizjoni ta' l-arbitru ntavolat mill-istess socjeta` rikorrenti Pirella Supermarkets Limited.

3. Illi sorprendentement is-socjeta Pirella Supermarkets Limited fil-korp kollu tar-rikors toffri bhala gustifikazzjoni ta' l-istess rikors l-interpretazzjoni taghha tad-decizjoni arbitrali tal-25 ta' Settembru 2007 meta tali esegwibbilta` hija ghal mument sospiza proprju b'rikors ta' appell ta' l-istess socjeta` rikorrenti. Hu ghalhekk inawdit bhala gustifikazzjoni ghal dan ir-rikors, decizjoni arbitrali, li bl-agir ta' l-istess socjeta` li qed tinvokah, ghadha in effetti *sub judice*;

4. Illi permezz tal-hrug tal-mandat in kwistjoni s-socjeta` esponenti utilizzat l-istrumenti moghtija mil-ligi sabiex hija tkun tista' tikkawtela d-drittijiet u pretensjonijiet taghha *ai termini* ta' l-istess ligi. Illi l-hrug tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni sar appuntu sabiex jigi kawtelat kreditu konsiderevoli dovut lilha mill-istess socjeta` rikorrenti ammontanti (eskluz l-imghaxijiet) ghal tlieta u tmenin elf tmien mija u disa' liri Maltin u tlieta u hamsin centezmi (Lm83,809.53) [€195,223.69]. Illi dan l-ammont huwa mertu tat-procedura pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti (Rikors 1067/2007 RCP) u totalment indipendentement mill-proceduri ta' arbitragg imsemmija mis-socjeta` Pirella Supermarkets Limited fir-rikors taghha.

5. Illi filwaqt li Pirella Supermarkets Limited qed tipprova tesegwixxi sentenza li ghadha *sub judice*, l-esponenti permezz tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni qed tikkawtela drittijiet taghha vantati minnha fil-proceduri hawn fuq imsemmija.

6. Illi s-socjeta` rikorrenti hija ben konsapevoli u konxja li s-socjeta` esponenti tivvanta kreditu ferm superjuri minn dak li tivvanta l-istess socjeta` rikorrenti. Izda minkejja dan, s-socejta` rikorrenti minn dejjem opponiet li ssir tpacija u dejjem kienet unikament interessata li tiehu l-flus dovuti lilha minghajr ma thallas dawk minnha dovuti lill-istess socjeta` esponenti.

7. Illi f' dan ir-rigward jigi rilevat li l-hrug ta' tali mandat kawtelatorju daparti tas-socjeta` esponenti kien neccessarju *stante* li s-socjeta` rikorrenti tinsab fi stat finazjarju prekarju. Il-fatt illi l-Pirella Supermarkets Limited qeghda f'qaghda finanzjarja imwera hafna huwa car u manifest. Difatti jirrizulta illi l-Pirella Supermarkets Limited ghandha aktar minn miljun Liri Maltin dejn u l-accounts taghha gew kwalifikati. (l-awditur fil-*financial statements* ghas-sena 2003 li huwa l-ahhar *financial statements* li hemm irregistrati mar-Registratur tas-Socjetatjiet, jghid hekk:- *'The company, has exceeded its financial facilities granted by the bank, rendering it unable to continue*

*operating its bank accounts, Consequently all the company's transactions were made in cash or by use of a third party account, There was no system of control upon which I could rely for purpose of my audit ... No provision has been made in the financial statements in respect of amounts advanced to a related company which as at 31st December 2003 stood at Lm596,940. [€1,390,496.16] The recovery of these amounts, which is unsecured, is doubtful'].*

8. Illi l-pretensjoni tas-socjeta` esponenti hija wahda legali, fondata, u gew sodisfatti r-rekwiziti kollha *ai termini* tal-ligi ghal-hrug tal-mandat in kwistjoni, kif ukoll *prima facie* jissusistu l-elementi kollha necessarji fil-ligi mhux biss ghall-hrug ta' tali mandat izda wkoll sabiex tali mandat jibqa' fis-sehh. *Di piu`* l-mandat in kwistjoni gie segwit b'kawza (Cit. Nru.: 1064/2007 RCP).

9. Illi ma gewx indikati mis-socjeta` rikorrenti fir-rikors taghha, ghalfejn mhux ragonevoli li jibqa' fis-sehh tali mandat. Zgur li l-fatt li l-mandat gie notifikat f'idejn ir-Registratur tal-Qrati mhux raguni li b'xi mod tista' tiggustifika t-talba ghar-revoka ta' tali mandat.

10. Illi dwar dan, jigi wkoll bir-rispett rilevat f'dan l-istadju, li huma ghal kollox gratuwiti u assolutament infondati fil-fatt u fid-dritt, l-insinwazzjonijiet li n-notifika lir-Registratur saret in *mala fede*. Huwa infatti normalissimu li ssir tali notifika, fuq kollox s-socjeta` esponenti nnotifikat ukoll lil banek – li sallum jidher li ma ghandhomx assi tas-socjeta` rikorrenti f' idejhom. Huwa proprju dan il-funzjoni ta' mandat ta' sekwestru li jissekwestra bizzejjed kreditu sabiex jigu assikurati l-pretensjonijiet vantati minn min jaghmel l-istess mandat. Ikun inutli li dan jinhareg kontra sekwestratarji jekk dawn ma jkollhomx propjeta` tas-sekwestrat. Fil-fatt l-esponenti ma ssib l-ebda oggezzjoni li l-mandat jibqa' biss fuq il-banek jekk dawn ghandhom bizzejjed flus tal-Pirella Supermarkets Limited sabiex jikkawtelaw il-pretenzjoni ta' l-esponenti. Izda hija assurda l-proposta ta' l-istess socjeta` Pirella Supermarkets Limited illi taghmel tali talba jekk il-banek fil-fatt m' ghandhomx tali kreditu f' idejhom.

11. Illi *se mai in mala fede* hija l-istess socjeta` rikorrenti, li mhux biss ilha tipprova tahrab mill-obbligu taghha li thallas id-debitu taghha fil-konfront tas-socjeta` esponenti – u dan billi rrifjutat li ssir tpacija mal-kera – izda ghaliex taf ben tajjeb li *una volta* li jigu nkassati l-flus talkera mhux ser ikun aktar fondi sufficjenti sabiex jkun jista' jigi sodisfatt il-kreditu ferm superjuri tas-socjeta` esponenti.

12. Illi ghalhekk jekk tali mandat ma jibqax fis-sehh is-socjeta` esponenti ser tigi pregudikata b'mod irrimedjabbli.

13. Illi ghalhekk, apparti li l-premessa tas-socjeta` rikorrenti, u cioe` li ma tistax tesegwixxi l-*arbitration award* hija wahda nfondata fil-fatt u fid-dritt; ma gewx avanzati ragunijiet li jindikaw li l-mandat in kwistjoni huwa wiehed illegali, u wisq anqas ma ntwera li fic-cirkostanzi m'huwiex ragonevoli li l-mandat jinzamm fis-sehh jew li huwa m'huwiex gustifikat. Effettivament l-ebda wiehed mill-elementi rikjesti mill-**artikolu 836 tal-Kap. 12** ma huwa ezistenti. *Di piu`* sallum is-socjeta` rikorrenti ghadha ma pprovdiet ebda garanzija ohra sabiex il-pretensjoni tas-socjeta` esponenti tkun tista' tigi sodisfatti.

Ghaldaqstant *in vista* tas-suespost, is-socjeta` esponenti tissottometti li t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti kontenuti fir-rikors fl-ismijiet fuq premessi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tal-5 ta’ Dicembru 2007 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Robert Attard u Dr. Carlo Vigna ghas-socjeta` intimata Sisa Malta Ltd. u Dr. Stefano Filletti ghas-socjeta` rikorrenti Pirella Supermarkets Ltd. Il-Qorti ordnat lis-socjeta` rikorrenti biex permezz ta’ nota tesebixxi l-atti kollha relattivi fi zmien gimgha. Ir-rikors gie differit ghall-provediment ghall-31 ta’ Jannar 2008.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija procedura taht id-disposizzjoni ta' l-**artikolu 836 tal-Kap 12** fejn is-socjeta' Pirella Supermarkets Limited qed titlob li jigi revokat il-Mandat ta' Sekwestru Numru 1424/2007 fl-ismijiet "Sisa Malta Limited vs Pirella Supermarkets Limited" ghall-ammont ta' €195,223.69 [Lm83,809.53] rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merca mibjugha u kkonsenjata kollox kif indikat fl-istess mandat (Dok. "PSA"), u din il-pretensjoni tifforma l-mertu ta' kawza bejn il-partijiet (Rikors Guramentat Numru 1064/97/RCP) li tinsab differita quddiem din il-Qorti ghas-16 ta' April 2008.

Illi l-**artikolu 836 tal-Kap XII tal-Ligijiet ta` Malta** jiddisponi kif gej:-

*"(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-Qorti li tkun harget l-att kawtelatorju jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-Qorti li tkun qeghda titratta din il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f`parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:–*

*(a) li l-att kawtelatorju m`ghadux aktar fis-sehh;*

*(b) li wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug ta` l-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti;*

*(c) li jkun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta` min ikun talab il-hrug ta` l-att kawtelatorju sew bil-hrug ta` att kawtelatorju iehor, jew inkella jekk dik il-garanzija ohra tista' ghas-sodisfazzjon tal-Qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni; jew*

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv ; jew*

*(e) jekk il-garanzija moghtija titqies mill-Qorti li tkun bizzejjed ; jew*

*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli".*

Illi huwa rilevanti li jinghad dak li gie deciz fid-decizjoni **"Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et"** (P.A. (RCP) 10 ta' Mejju 2001 – Rikors Numru 286/2001/RCP) fejn gie ritenut *"li mid-disposizzjoni tal-istess **artikolu 836** jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprija".*

Illi fid-decizjoni **"Josephine Sammut vs Emmanuel Sammut et"** (P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001) gie affermat:-

*"Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina prima facie jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. **("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited"** – P.A. RCP. 10 ta' Mejju 2001; **"Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd"** P.A. RCP. 7 ta' Frar 2001)".*

Illi tenut kont ta' dan jirrizulta li s-socjeta' Pirella Supermarkets Limited qed issostni li fil-25 ta' Settembru 2007 kien hemm decizjoni mahruga mic-Centru tal-Arbitragg (Arb. Numru 919/2007/PCG) fejn is-socjeta' Sisa Malta Limited giet iddikjarata li ghanda taghti lis-socjeta' rikorrenti odjerna l-ammont ta' €109,946.47

[Lm47,200] rappresentanti kera dovuta fl-14 ta' Novembru 2006 (Dok. "PS1") ghal-lokazzjoni tal-fond Pirella Supermarket, Triq il-Mina Zabbar u dan skond ftehim datat 12 ta' Novembru 2005 (Dok. "PSL 2"). Jidher li fl-istess kontestazzjoni gie deciz li s-socjeta' Sisa Malta Limited ma setghatx tpaci l-istess ammont ma' l-ammont minnha pretiz ta' €195223.69 [Lm83,809.53] u dan peress l-istess ftehim bejn il-partijiet jeskludi tali tpacija skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 3.01 tal-istess ftehim ghaliex tali tpacija kien biss applikabbli fil-kuntest ta' ammonti dovuti in konnessjoni ma' dak indikat bhala *"Sale and Purchase of Debts Agreement"* u *"the Sale and Purchase of Stock Agreement"* u allura la dan kien il-ftehim bejn il-partijiet, mela allura tali tpacija ma setghax japplika ghall-ammont mitlub bhala kera mis-socjeta' Pirella Supermarkets Limited.

Illi fil-fatt is-socjeta' Pirella Supermarkets Limited kienet harget kontra s-socjeta' Sisa Malta Limited mandat ta' sekwestru Numru 52/07 fl-ammont ta' €109,946.42 [Lm47,200], u minkejja t-tentattiv tas-socjeta' llum intimata sabiex tali mandat jigi revokat dan baqa' veljanti sal-istess ammont hawn indikat u dan in forza ta' provediment tas-27 ta' Gunju 2007 (Rikors Numru 84/07/GV) (Dok. "PS2"). Konsegwenti ghall-istess l-ammont indikat fl-istess mandat ta' Sekwestru gie depozitat b'Cedola ta' Depositu ta' HSBC Bank Malta p.l.c. (Dok. "PSL 4"), izda dan l-ammont ma jistax jigi rtirtat mir-rikorrenti odjerni peress li nhareg il-mandat ta' sekwestru mertu ta' din il-pendenza ghall-ammont ta' €195,223.69 [Lm83,809.53], li kif inghad jifforma l-mertu ta' kawza bejn il-partijiet pendenti quddiem din il-Qorti.

Illi s-socjeta' rikorrenti odjerna qed tallega li ma hemmx gustifikazzjoni ghaliex dan il-mandat ghandu jibqa' fis-sehh u l-mandat la huwa necessarju u lanqas ragonevoli, peress li qed issostni li s-socjeta' intimata qed tagixxi *in mala fede* ghaliex ma hijiex qed tippermetti lis-socjeta' rikorrenti odjerna milli tesegwixxi d-decizjoni arbitrali.

Illi din il-Qorti ser tillimita ruhha fuq il-mertu tar-rikors in kwantu jirreferi ghall-allegazzjoni li l-hrug tal-mandat ta'

sekwestru *da parte* tas-socjeta' Sisa Malta Limited inhareg minghajr gustifikazzjoni u la huwa necessarju u lanqas ragonevoli u dan ghaliex f'din il-procedura skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 836 tal-Kap 12** dak huwa l-unika ezami li din il-Qorti ghandha taghmel, u dan peress li l-pendenza bejn il-partijiet dwar l-ammont riklamat mis-socjeta' intimata odjerna huwa l-mertu tal-kawza bejn il-partijiet, u l-mertu ghandu jigi trattat biss f'dik il-kawza.

Illi mill-atti processwali jirrizulta li l-pretensjoni mressqa l-quddiem bil-mandat ta' sekwestru numru 1424/07 hija ghall-ammont ta' €195,223.69 [Lm83,809.53] rappresentanti prezz ta' merca allegatament mibjugha u konsenjata lil Pirella Supermarkets Limited, u dan jifforma l-mertu ta' kawza bejn il-partijiet pendenti quddiem din il-Qorti, u f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li jirrizulta li l-istess socjeta' Sisa Malta Limited ghandha d-dritt li tikkawtela l-pretensjonijiet taghha wkoll permezz tal-mandat ta' sekwestru ndikat. Dan ma ghandu x'jaqsam xejn mal-kuncett ta' tpacija tant li *in vista* anke tad-decizjoni arbitrali msemmija l-istess socjeta' intimata odjerna mexxiet billi tressaq il-pretensjonijiet taghha gudizzjarjament kontra s-socjeta' rikorrenti odjerna, pendenza li ovvjament ghad trid tigi deciza minn din il-Qorti. Certament pero' li kemm tali decizjoni arbitrali u kif ukoll ir-riferenza li saret ghall-artikolu 3.01 tal-istess ftehim bejn il-partijiet datat 12 ta' Novembru 2005 (Dok. "PSL 2") ma ghandha x'taqsam xejn mal-pendenza odjerna, anzi jidher li s-socjeta' intimata Sisa Malta Limited ipprocediet permezz tal-kawza ndikata u tal-mandat kawtelatorju msemmi proprju peress li ma gietx applikata t-tpacija sal-ammont indikat.

Illi fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti thoss li gew sodisfatti r-rekwiziti ghall-hrug tal-mandat kawtelatorju in kwistjoni u l-fatt li l-mandat ta' sekwestru nhareg ukoll kontra r-Registratur tal-Qorti bhala sekwestratarju ma jindika l-ebda *mala fede,* iktar u iktar meta ma jirrizultax li l-istess mandat ta' sekwestru nqabdu xi assi ohra tas-socjeta' rikorrenti li jinsabu f'idejn is-sekwestratarji l-ohra ndikati fl-istess mandat kawtelatorju – almenu dan ma jirrizultax mill-atti ta' din il-procedura u lanqas gie b'xi mod vantat

mis-socjeta’ rikorrenti. Dan huwa fih innifsu sinfikanti u bizzejjed sabiex jiggustifika f’dan l-istadju l-agir tas-socjeta’ intimata sabiex tipprotegi l-interess taghha; gustifikazzjoni li tkompli taccentwa ruhha meta din il-Qorti tinnota dak li nghad f’paragrafu 7 tar-risposta tas-socjeta’ intimata dwar il-kundizzjoni finanzjarja ta’ l-istess socjeta’ rikorrenti odjerna skond l-ahhar *financial statements* tas-sena 2003 irregistrati mar-Registratur tas-Socjetajiet, li ma gietx indirizzata mis-socjeta’ rikorrenti, kif l-istess jista’ jinghad ghal dak indikat fit-13 il-paragrafu tal-istess risposta.

Illi din il-Qorti tinnota li l-istess socjeta’ rikorrenti ma ndikatx taht liema subartikolu kienet qed taghmel din it-talba, u minn dak sottomess quddiem din il-Qorti ma jirrizultax li hemm l-elementi mehtiega sabiex tintlaqa tali talba taht xi wiehed mid-disposizzonijiet tal-**artikolu 836 (a) sa (e**), b’mod ukoll li jista’ jinghad li t-talba tas-socjeta’ rikorrenti lanqas taqa’ taht wahda minn tali disposizzjonijiet. Dwar l-**artikolu 836 (f) tal-Kap 12** jirrizulta li minhabba dak hawn deciz l-elementi hemm indikati bl-ebda mod ma gew ippruvati u ghalhekk it-talba tas-socjeta’ rikorrenti sabiex l-istess mandat kawtelatorju jigi revokat qed tigi michuda.

Illi dwar it-talba sabiex jigi revokat il-mandat il-parti fis-sens li jigi ordnat li dan ma japplikax fil-konfront tar-Registatur tal-Qorti bhala sekwestratarju, din il-Qorti thoss li anke a bazi ta’ dak hawn deciz, tali talba hija kompletament bla ebda bazi legali – u dan iktar u iktar fid-dawl li mir-rizultanzi ta’ dawn l-atti odjerni jirrizulta li l-unika fondi tas-socjeta’ rikorrenti li gew affettwati bil-mandat kawtelatorju inkwistjoni kienu proprju l-assi li jinsabu fil-pussess tal-istess sekwestratarju. Mhux hekk biss izda tali talba alternattiva fiha nfisha tirrikonoxxi li hemm bazi sabiex jinhareg tali mandat kawtelatorju notifikat lis-sekwestratarji l-ohra. Allura din il-Qorti thoss li ma hemm ebda bazi ghaliex ovvjament ir-Registratur tal-Qorti ma kellux jigi  ndikat bhala sekwestratarju. Ghalhekk lanqas ma hemm ebda bazi legali sabiex tigi milqugha din it-talba kif alternattivament proposta u ghalhekk din qed tigi hekk michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ r-risposta tas-socjeta’ Sisa Malta Limited biss in kwantu konsistenti ma’ dak hawn deciz, **tichad it-talba tas-socjeta’ rikorrenti Pirella Supermarkets Limited kif proposta fir-rikors taghha datat 26 ta’ Ottubru 2007** peress li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunjiet hawn premessi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ rikorrenti **Pirella Supermarkets Limited.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------